**111. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne jipproponi:**

Billi l-Ordni Permanenti 120B jipprovdi li l-Kamra tista' taħtar, b'mozzjoni li ssir wara li jingħata avviż, dawk il-Kumitati Permanenti li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jikkonsidraw abbozzi ta' Liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem kumitat permanenti jew lilu riferut mill-Kamra;

U billi bis-saħħa tal-Mozzjoni 21 li ġiet addottata mill-Kamra fit-3 ta' Lulju 2017 ġie maħtur Kumitat Permanenti sabiex jikkonsidra Abbozzi ta' Liġi;

U billi l-Kamra ħadet nota tal-volum ta' xogħol li l-imsemmi Kumitat qed ikollu quddiemu, liema volum ta' xogħol jiġġustifika l-ħolqien ta' struttura ġdida biex tħaffef dak ix-xogħol u tassigura li ma jaqax lura;

Għalhekk, skont l-istess Ordni Permanenti 120B:

Il-Kamra qiegħda b'din il-Mozzjoni taħtar Kumitat Permanenti Aġġunt sabiex jikkonsidra Abbozzi ta' Liġi u Xogħol Ieħor, hawn aktar 'l isfel f'din il-Mozzjoni msejjaħ "il-Kumitat Permanenti Aġġunt";

Illi l-istess xogħol ieħor, apparti l-kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, għandu jikkonsisti f'xogħol miġjub quddiem il-Kumitat Permanenti Aġġunt jew lilu riferut mill-Kamra;

Il-Kamra qiegħda b'din il-Mozzjoni tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu fuq il-Kumitat Permanenti Aġġunt għandu jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-kompożizzjoni tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni u li għandu jkun ta' seba' (7), b'dan li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern, inkluż il-President tal-istess Kumitat Permanenti Aġġunt, u 3 minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Kamra tinnomina bħala President li għandha tippresjedi l-istess Kumitat Permanenti Aġġunt, lill-Onorevoli Glenn Bedingfield, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skont kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3);

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).

14.03.18